MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 744/2006

HSBC Bank Malta p.l.c.
vs
Keith Rizzo

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tal-P.L. Jonathan de Maria in rapprezentanza tas-socjeta` HSBC Bank Malta p.l.c. li bih espona:

I. Li fis-26 ta' Novembru 2004, l-intimat kien talab lis-socjeta` rikorrenti taghtih facilita` ta' Visa Gold Card kif kien jidher mid-dokument "A" prezentat mar-rikors. Din il-facilita` kienet gie sussegwentement koncessa lill-intimat kif kellu jigi pruvat waqt is-smiegh tal-kawza.

II. Konsegwenza ta' din il-facilita` s-socjeta` rikorrenti kienet tinsab prezentament kreditrici tal-intimat fis-somma ta' hamest elef disa' mija u tlieta u disghin lira u ghoxrin centesimu (Lm5993.20), kwantu ghal hamest elef

hames mija u tlieta u tmenin lira u hamsa u ghoxrin centesimu (Lm5583.25) bilanc abbeditu fuq Visa Gold Card numru 4035710000421755, aktar tard rescheduled u enumerat mill-gdid bhala loan account bin-numru 087-106225-340, u kwantu ghal erba' mija u disa' liri u hamsa u disghin centesimu (Lm409.95) imghax fuq l-istess bilanc mill-24 ta' Awissu 2005, data tal-ittra interpellatorja infraskritta, sal-25 ta' Lulju 2006 kif kien jidher mid-dokument "B" prezentat mar-rikors, salvi imghax ulterjuri.

III. Fl-24 ta' Awissu 2005 il-P.L. De Maria ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` rikorrenti minnu rapprezentata, kien kiteb lill-intimat u kien interpellah biex ihallas kif kien jidher mill-kopja tal-ittra mmarkata dokument "C", u fit-28 ta' Marzu 2006 is-socjeta` rikorrenti kienet ipprezentat ittra ufficjali li biha wkoll interpellat lill-intimat biex ihallas, dokument "D". Nonostante dawn l-interpellazjonijiet l-intimat kien baqa' inadempjenti.

IV. Kien jidher car illi l-intimat ma kienx ghamel uzu korrett tal-facilita` lilu koncessa tant li s-socjeta` rikorrenti kellha tissospendi l-istess facilita` f'perijodu ta' anqas minn sena u finalment kienet kostretta tistitwixxi din il-kawza.

Il-bank rikorent talab lill-Qorti:

1. Tikkundanna lill-intimat Keith Rizzo jhallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma fuq imsemmija ta' hamest elef disa' mija u tlieta u disghin lira u ghoxrin centesimu (Lm5993.20), addebitu fuq Visa Gold Card numru 4035710000421755, aktard tard rescheduled u enumerat mill-gdid bhala loan account bin-numru 087-106225-340, u imghax relativi sal-25 ta' Lulju 2006, u bl-imghax ulterjuri minn din l-ahhar data sal-jum tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Marzu 2006 u tal-mandat ta' sekwestru u tal-mandat ta' inibizzjoni prezentati kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat, kontra l-intimat li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Bl-ordni lill-intimat biex jidher quddiem l-Qorti fil-jum u hin li jigu moghtija.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensur tal-intimat.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat illi fis-seduta tal-lum Dr. Jan-Karl Farrugia fil-prezenza tal-intimat ipprezenta nota ta’ ammissjoni ghall-istess intimat.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq ammissjoni t-talba tal-bank rikorrent tidher gustifikata u l-Qorti filwaqt li qed tilqaghha tikkundanna lill-intimat Keith Rizzo jhallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ hamest elef disa’ mija u tlieta u disghin lira u ghoxrin centesimu (Lm5993.20), addebitu fuq Visa Gold Card numru 4035710000421755, aktard tard ***rescheduled*** u enumerat mill-gdid bhala ***loan account*** bin-numru 087-106225-340, u imghax relativi sal-25 ta’ Lulju 2006, u bl-imghax ulterjuri minn din l-ahhar data sal-jum tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta’ Marzu 2006 u tal-mandat ta’ sekwestru u tal-mandat ta’ inibizzjoni kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------